MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 1120/2010/1

**Talba Numru: 1120/2010/MK**

**Eye Communications Limited (C-33869)**

**vs**

**Yanov Cutajar**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fit-8 ta’ April 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“It-Tribunal,***

*Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ erba’ mitt ewro (€400)*

*rapprezentanti somma li s-socjeta' attrici kienet hallset lill-konvenut bhala depozitu ta' xoghol ghad-disinn ta' websajtijiet liema xoghol ma sarx u dak il-ftit xoghol li sar ma kienx maghmul skont is-sengha u l-arti. Din is-somma ghadha ma gietx imhallsa lis-socjeta' attrici minkejja li l-konvenut gie interpellat bosta drabi.*

*Bl-ispejjez u l-imghax skont il-ligi.*

*Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi l-pretenzjonijiet tal-attur huma respinti ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Preliminarjament jigi rilevat li l-konvenut kien ingaggat mill-attur sabiex jiddizinja website skont dawk l-ideat li l-istess attur kellu jaghti lill-konvenut u li ghal liema xoghol il-prezz ta' elf ewro (€1000) kien miftiehem.*

*2. Illi l-konvenut ghamel dak kollu li kien mixtieq mill-attur, rigward ix-xoghol li gie ikkuntrattat biex jaghmel, allavolja ma nghatawx direzzjonijiet sostanzjali da parti tal-attur, li hallew l-konvenut bla indikazzjoni ta' dak li ried ezatt il-konvenut.*

*3. Illi l-konvenut b'dana kollu xorta issottometta, f'diversi okkazjonijiet, proposti lill-attur sabiex dan ikun jista' jaghtih indikazzjoni cara ta' x'irid ezatt, i.e. feedback, li qatt ma gie moghti.*

*4. Illi d-depozitu ta' erba' mitt ewro (€400) li l-konvenut nghata mill-attur, jirraprezenta hlas akkont tal-prezz miftiehem fil-kuntratt ta' appalt li gie miftiehem bejn iz-zewg partijiet, u tiggarantixxi li dawn l-istess partijiet jimxu b'mod li hu mistenni bejniethom, skont dak li hu meqjux sew, u ghaldaqstant torbot dawk involuti sabiex iwettqu dak li hu mistenni.*

*5. Illi l-konvenut wettaq it-termini kollha tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet.*

*6. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju jigi sottomess illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex il-klijent tieghu, l-imsemmi attur, ikun sodisfatt bix-xoghol li qieghed isir.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenut qieghed jipprezenta kontrotalba, ghall-ammont ulterjuri ghal sitt mitt ewro (€600) sabiex jithallas tax-xoghol kollu li twettaq.*

*Bl-ispejjez.*

*Ra li l-konvenut ipprezenta kontrotalba fejn talab illi jithallas lura s-somma ta' sitt mitt ewro (€600), jew somma verjuri, ammont dovut lilu mis-socjeta' attrici ghax-xoghlijiet li gew imwettqa minnu ghas-servizzi mitluba mis-socjeta' attrici.*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar korrispondenza bil-miktub li saret bejn il-partijiet.*

*Ra li ma kienx hemm risposta ghal kontrotalba min-naha tas-socjeta' attrici, izda gie dikjarat mill-attrici rikonvenjenti li l-kontrotalba hija kontestata.*

*Ra d-dokumenti kollha prezentati in atti.*

*Ra x-xhieda u sema' lil Mark Anthony Portelli u Yanov Cutajar.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Mill-provi jirrizulta li din hija talba ghall-hlas lura ta' somma mhallsa lill-konvenut mis-socjeta' attrici bhala depozitu ghal xoghlijiet li allegatament ma kienux saru hlief ghal xi haga zghira u dak ix-xoghol li gie mwettaq mill-konvenut gie imwettaq hazin.*

*Intqal illi s-socjeta' attrici tipprovdi servizzi ta' disinni ta' websajt u ta' spiss tikkummissjona lil terzi bl-esperjenza f'dan il-kamp sabiex jghinu lis-socjeta' attrici jippreparaw disinni ta' websajt ghall-klijenti taghha. Illi dawn ix-xoghlijiet kienu jikkonsistu f'website design ghall- ristorant bl-isem 'Il-Veduta', klijent tas-socjeta' attrici u liema website design kellu jservi ukoll bhala reklam fuq l-internet ghall-klijenti taghha. Illi l-konvenut gie mitlub jipprovdi tliet*

*kuncetti u animated banner ghas-somma ta' elf ewro (€1000) fiz-zmien gimghatejn.*

*Skont r-rapprezentant tas-socjeta' attrici qal illi l-karigu tal-konvenut kien li jipprepara tlett artwork designs fil-qasam tal-catering. Kellu jipprepara tlett kuncetti ta' disinni separati f'format .jpg, u wara dan kellu wkoll jipprepara animated banner li kellha tinhadem permezz ta' flash. Illi l-bagitt kien ta' erba' mitt ewro (€400) izda l-klijent talab elf ewro (€1000) u s-socjeta' attrici accettat u hallset depositu ta' erba' mitt (€400) lill-konvenut. Illi x-xoghol tal-konvenut kellu jiehu gimaghtejn. L-inkarigu kien inghata lilu fit-22 ta' Lulju, 2009 u b'hekk sal-5 ta' Awwissu 2009 kellu jikkreja u jikkompleta t-tlett kuncetti u animated banner. Illi x-xoghlijiet hadu erba' xhur sabiex jigu kkompletati minflok il-gimaghtejn miftiehma.*

*Illi dawn ix-xoghlijiet baqghu ghaddejjin ghall-erba' xhur izda s-socjeta' attrici baqghet ma kienetx sodisfatta bix-xoghlijiet li kien qieghed jipprezenta l-konvenut lis-socjeta' attrici u ma kkunsidratx illi x-xoghol li pprezenta l-konvenut kien skont is-sengha u l-arti kif ukoll inghad li ma kien hemm l-ebda differenza bejn it-tlett proposti/kuncetti prezentanti lilha.*

*Il-konvenut qal illi huwa kien jahdem bhala freelancer u kien gie mitlub mis-socjeta' attrici sabiex jaghmel xi xoghol ta' website design fil-qasam tar-ristoranti. Il-klijenti kienu tas-socjeta` attrici. Qal ukoll illi s-socjeta' attrici apparti tliet kuncetti, kienet talbet animated flash banner. Ghalkemm dan ix-xoghol kien jirrikjedi hafna hin partikolarment ghall-banner huwa talab biss elf ewro (€1000). Huwa accetta dak il-prezz ghaliex ra potenzjal ta' kollaborazzjoni fuq xoghol iehor mas-socjeta' attrici.*

*It-Tribunal ra ritratti tax-xoghlijiet maghmula mill-attur, li s-socjeta' attrici allegat illi ma kienux sodisfacenti u skont is-sengha. Dawn id-dokumenti huma ezebiti a fol 76, 77 u 78 dokumenti YC1, YC2 u YC3. Illi b'kollox kien hadem xi tletin (30) siegha. Dwar id-dewmien fit-tul, qal illi kull darba li kien jipprezenta x-xoghol lis-socjeta' attrici kien ikun hemm varjazzjonijet li kienu jirrikjedu kambjamenti u l-*

*kambjamenti kienu jiehdu l-hin. Il-konvenut spjega kif apparti dan ix-xoghol huwa kien rrenda lis-socjeta' attrici, photo manipulation logo, re-colouring sabiex jaqbel mal-pjan original ta' orangjo u blu. Illi huwa kien ukollipprezenta l-animated banner rikjesta mill-konvenut li ezebixxa bhala dokument YC4 a fol 79. Intqal mill-konvenut li l-kambjamenti kien jaghmilhom mhux ghaliex hass li kienu necessarji izda ghaliex kien qieghed jitlobhom il-klijent, izda s-socjeta' attrici baqghet issostni li l-prodott krejat mill-konvenut kien cass. Illi certi kambjamenti li xtaqet is-socjeta' attrici kienu involvew hafna iktar hin u krejazzjoni u ghall-bagitt li kienu ftehmu dan kien ha jkun eccessiv. Illi b'kollox huwa kien ipprezenta sitt kuncetti lill-klijent izda baqa' mhux sodisfatt. Qal ukoll illi Mark Portelli, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, kien qallu li huwa kien kuntent b'xoghlu tant illi ried jaghtih xi xoghol iehor u ghalhekk ma fehmx ghaliex kien biddel fehmtu dwar xoghlu u ma riedx ihallsu hlief ghall-mitt ewro (€100). Dwar il-kontrotalba l-konvenut qal illi huwa ma kienx talab flus lis-socjeta' attrici qabel il-kawza ghaliex ma riedx inkwiet izda galadarba kienet infethet kawza kontra tieghu huwa ssokta bil-kontrotalba ghall-kumplament tal-hlas ta' xoghlu.*

*It-Tribunal ra r-ritratti ezebiti mis-socjeta' attrici u ra rritratti ezebiti mill-konvenut. It-Tribunal ra ukoll animazzjoni tal-websajt fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2011. Intqal mill-konvenut li kemm il-filmat tal-websajt kif ukoll it-tliet kuncetti kienu inghataw lill-klijent mat-tielet gurnata. Kienu l-varjazzjonijiet mitluba minn Mark Portelli li hadu hafna zmien, izda bhala kuncetti kienu tlestew.*

*Illi dwar il-kontrotalba intqal minn Mark Anthony Portelli, r-rapprezentant tas-socjeta' attrici u l-persuna li kien ikkummissjona x-xoghol direttament mill-konvenut, qal illi ma kienx tah tliet kuncetti izda kuncett wiehed biss b'varjazzjoni zghira minn wahda ghall-ohra li fil-fehma esperta tieghu ma kienx hemm differenza bejniethom u ghalhekk ma jistax jikkunsidra li huwa nghata tliet kuncetti.*

*It-Tribunal ra d-disinni kollha ezebiti in atti, kif ukoll inghata l-opportunita' li jara filmat tad-display in awla,*

*liema prezentazzjoni tal-websajt giet moghtija mill-istess konvenut. It-Tribunal ra ukoll il-websajt tar-ristorant 'Il-Veduta' fir-Rabat, Malta, www.veduta.com.mt. Illi mid-daqqa' t'ghajn it-Tribunal huwa sodisfatt illi dan il-websajt zamm il-kuluri orangjo u blu u ra similaritajiet mal-kuncett ikkrejat mill-konvenut.*

*Hija l-fehma tat-Tribunal li kuncett fih innifsu huwa soggettiv u ghalhekk jew jintghogob jew le. Illi galadarba saru varjazzjonijiet dan ifisser illi l-kuncett jew l-ideja ewlenija kienet intoghgbot. It-tkabbir u zviluppi fuq il-kuncett hija haga ohra u kienu ukoll dawn li kienu dewmu lill-progett.*

*Illi ma jidhirx lit-Tribunal illi meta wiehed jordna kuncett dan ghandu jfisser li qed jordna l-prodott finali. Il-prodott finali jinkorpora certu xoghol iktar fid-dettal. In konkluzjoni, it-Tribunal ra li l-konvenut kien ikkontribwixxa oltre mix-xoghol rikjest minn u ra li s-socjeta' attrici kienet fil-fatt zviluppat il-websajt finali fuq il-kuncett originarjament ikkrejat mill-konvenut.*

*Ghalhekk, wara li sema' u ra l-provi kollha li ngabu quddiemu, t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenut kien irrenda servizz lill-attur izda mhux a pjena sodisfazzjon tal-klijent. Illi ra li l-konvenut kien dam jahdem iktar minn gimaghtejn fuq is-servizzi rikjesti mis-socjeta' attrici minhabba varjazjonijiet mitluba mis-socjeta' attrici. It-Tribunal ra wkoll l-provi dokumentali kollha kif ukoll dawk digitali tax-xoghlijiet rezi mill-konvenut u jista' jikkonstata li huwa minnu li l-konvenut dam eccessivament sabiex jikkompleta xoghlu izda dan ma jfissirx illi ma pproduciex il-kuncetti rikjesti. Jekk il-kuncetti ma ntoghgbux allura dik hija kwistjoni ohra. Dwar il-kontrotalba, t-Tribunal ra li l-konvenut qatt ma nterpella lis-socjeta' attrici ghal hlas qabel ma ntavola l-kontrotalba izda dan ma jfissirx illi l-ammont m'huwiex dovut lilu. Illi ghalkemm ma ddahlitx risposta ghal kontrotalba l-ammont mitlub mill-konvenut fil-kontrotalba huwa ikkontestat. Illi ghalkemm is-socjeta' attrici tinsab kontumaci fir-rigward tal-kontrotalba huwa xorta wahda sema' l-provi kollha tas-socjeta' attrici rikonvenjenti dwar il-fatti tal-kaz.*

*Illi t-Tribunal ra li l-konvenut rikonvenjenti gab bizzejjed provi sabiex jissodisfa lit-Tribunal illi huwa kien ghamel mhux biss ix-xoghol rikjest minnu izda li kien irrenda servizzi oltre, izda skont is-socjeta' attrici rikonvenuta mhux a pjena sodisfazzjon taghha kemm minhabba dewmien eccessiv u kemm minhabba nuqqas ta' kapacita` tal-konvenut.*

*Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut kien wettaq ix-xoghol rikjest minnu izda ra ukoll illi d-disinni pprovduti mill-konvenut ma kienux intogghbu mis-socjeta' attrici. Illi l-konvenut gie mitlub jipproduci tliet kuncetti u l-hlas ma kellux ikun soggett fuq jekk jintoghgbux jew le il-kuncetti.*

*It-Tribunal ra d-disinn ahhari tal-websajt provdut mis-socjeta' attrici li gie mhejji minnha u ra d-disinni tal-websajt provduti mill-konvenut. It-Tribunal huwa tal-fehma li jezistu vari similaritajiet bejniethom u ghalhekk huwa sodisfatt illi l-kuncett originali tal-konvenut kien gie uzat. It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma li l-konvenut dam wisq sabiex jikkompleta xoghlu.*

*Ghaldaqstant, minhabba dewmien eccessiv sabiex jikkompleta xoghlu, t-Tribunal ha jkollu jilqa' t-talba in parte filwaqt illi jilqa' l-kontrotalba tal-konvenut rikonvenjenti.*

*Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba in parte u jikkundanna lill-konvenut jhallas lura lis-socjeta' attrici limitatament fis-somma ta' tliet mitt ewro (€300) filwaqt illi jilqa' l-kontrotalba tal-konvenut rikonvenjenti u jikkundanna lis-socjeta' attrici rikonvenuta thallas lill-konvenut rikonvenjenti fis-somma ta' sitt mitt ewro (€600).*

*Spejjez kollha inkluzi dawk tal-kontrotalba ghandhom jitqassmu tliet kwarti ghas-socjeta' attrici u kwart ghall-konvenut."*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici Eye Communications Limited datat 26 ta' April 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa'

l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell u appell incidentali ta’ Yanov Cutajar datata 16 ta’ Mejju 2011 a fol 6 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet Zghar ghandha tigi riformata fis-sens li tikkonfermaha fejn cahdet it-talbiet attrici u tirrevokaha fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tigi milqugha l-kontro-talba sabiex is-socjeta’ tigi kkundannata thallas elf euro bl-imghax u bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-appell incidentali tas-socjeta` appellanti Eye Communications Limited datata 25 ta’ Mejju 2011 a fol 15 tal-process fejn talbet li jigi michud l-appell incidentali, tilqa’ fl-intier taghha t-talba tas-socjeta’ attici sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas €400, u tannulla d-decizjoni fejn ikkundannat lis-socjeta’ attrici thallas is-somma ta’ €600 kif tidher mis-sentenza tat-Tribunal datata 8 ta’ April 2011.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma fil-11 ta’ Ottubru 2011 u dak tal-25 ta’ Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Nicholas Valenzia ghal-appellat Yanov Cutajar. Dr. Nicholas Valenzia tratta l-kaz. L-appellant u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi ma dehrux. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-26 ta’ April 2012.

Rat ir-rikors ta’ Eye Communications Limited datat 13 ta’ Novembru 2011 a fol 22 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna l-prolazzjoni tas-sentenza u tawtorizzaha sabiex tittratta l-appell fis-seduta li jmiss; u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-21 ta’ Frar 2012 sabiex tigi hekk trattata u dan kif jidher mid-digriet tal-10 ta’ Novembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta’ Frar 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-Avukat Malcolm Mifsud ghas-socjeta` appellanti. Deher l-Avukat Nicholas Valenzia ghall-appellat Yanov Cutajar. L-avukati tal-partijiet trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-26 ta’ April 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 8 ta’ April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tas-socjeta’ appellanti huwa fis-sens li t-talba attrici kienet ibbazata fuq il-vantazzjoni li l-konvenut ma esegwiex l-inkarigu tieghu a sodisfazzjon tas-socjeta’ attrici u l-konsiderazzjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar li l-appalt ma kienx sugett jekk jintghogobx jew le mhux bazi legali sewwa fuq x’xhiex kellha tinqata’ l-kawza kontra s-socjeta’ attrici ghaliex il-kuncett huwa zbaljat; (b) il-kontro-talba ma kellhiex tintlaqa’ ghaliex ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u dan anke ghaliex l-appellat ma esegwiex l-ordni maghumula lilu mis-socjeta’ attrici ghaliex kien hemm diversi similaritajiet bejn il-kuncetti u d-disinn tal-*website* kif provdut mill-appellat – it-talba attrici giet fil-fatt milqugha biss fuq il-fatt li kien hemm dewmien mill-konvenut fl-esekuzzjoni tal-inkarigu tieghu.

Illi din il-Qorti thoss li dwar l-ewwel aggravju it-Tribunal sab fuq il-bazi ta’ provi prodotti quddiemu li effettivament il-konvenut kien esegwixxa l-inkarigu tieghu skond is-sengha u l-arti u l-vantazzjoni li l-prodott finali jidher li ma ghogobx lis-socjeta’ attrici ma kellux iwassal sabiex il-konvenut ma jithallasx tax-xoghol li effettivament ghamel fuq struzzjonijiet tas-socjeta’ attrici. Din il-Qorti rat il-provi prodotti, nkluzi dawk indikati mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fis-sentenza tieghu, u thoss li fuq dan il-punt il-konsiderazzjoni u l-apprezzament li sar mit-Tribunal dwar

l-istess kien korrett, b'mod li kienet kwistjoni ta' apprezzament ta' provi u d-diskrezzjoni uzata mit-Tribunal giet uzata fil-parametri tal-provi prodotti, u din il-Qorti zzid tghid li mill-atti processwali dak li nghad fid-decizjoni dwar provi huwa korrett. Hija korretta wkoll l-osservazzjoni tat-Tribunal li r-rizoluzzjoni tat-talba attrici ma tiddependix jekk il-prodott finali ghogobx lis-socjeta' attrici (kuncett suggettiv), izda jekk fil-fatt il-konvenut esegwiex l-ordni maghmula lilu mis-socjeta' attrici u jekk ix-xoghol huwiex skond is-sengha u l-arti, u la darba l-konvenut ipprova dan, mela allura l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi dwar il-kontro-talba jinghad li din kellha tintlaqa' ghaliex ix-xoghol sar kollu u dan skond is-sengha u l-arti. Jidher li din ma ntlaqghatx peress li t-Tribunal sostna li kien hemm dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol mill-konvenut, izda dan kien dovut ghaliex is-socjeta' attrici, ghalkemm mitluba, naqset ghal diversi drabi li taghti *feedback* tempestivament sabiex il-konvenut jista' jahdem fuqu. Fil-fatt din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici ma kinitx cara f'dak li hija kienet verament qed tippretendi minghand il-konvenut, tant li jidher li hija ppretendiet xoghol hafna iktar ta' valur minn dak ikkomissjonat lill-konvenut; fil-fatt jidher li l-konvenut dejjem hadem fuq l-ordni originali moghtija lilu mis-socjeta' attrici u d-decizjoni tat-Tribunal tikkonferma li dan sar, anzi tghid li l-konvenut ipprovda lis-socjeta' attrici b'xoghol iktar minn dak rikjest mis-socjeta' attrici, tant li *"s-socjeta' attrici kienet fil-fatt zviluppat il-websajt fuq il-kuncett originali ikkrejat mill-konvenut"* (para. 2 pagna 6 tad-decizjoni tat-Tribunal). Fl-istess decizjoni jinghad li *"t-Tribunal ra li l-konvenut gab bizzejjed provi sabiex jissodisfa lit-Tribunal illi huwa kien gab bizzejjed provi sabiex jissodisfa lit-Tribunal illi huwa kien ghamel mhux biss ix-xoghol rikjest minnu izda li kien irrenda servizzi oltre.....Il-konvenut gie mitlub jipproduci tlett kuncetti u l-hlas ma kellhux ikun suggett fuq jekk jintoggbhux jew le l-kuncetti"*

Illi dwar l-allegat dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol da parte tal-konvenut jirrizulta li l-kuncetti gew trasmessi mill-

konvenut lis-socjeta' attrici fit-terminu moghti, izda mid-decizjoni tal-istess Tribunal jinghad li *"l-konvenut kien dam jahdem iktar minn gimghatejn fuq is-servizzi rikjesti mis-socjeta' attrici minhabba varjazzjonijiet mitluba mis-socjeta' attrici".* Wara l-istess, it-Tribunal sostna li l-konvenut vera kien dam u allura ppenalizatu ghal tali dewmien. F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li kull dewmien li seta` kien hemm fl-esekuzzjoni finali, kien dejjem dovut ghaliex is-socjeta' attrici naqset li taghti direzzjoni cara ta' dak li verament ippretendiet fl-ahhar mill-ahhar mill-istess konvenut, u dwar dan kien hemm nuqqasijiet ta' *feedback* mis-socjeta' attrici, u wkoll l-istess socjeta' attrici kemm il-darba ppruvat tbiddel dak sottomess lilha mill-konvenut, u kienu dawk li t-Tribunal irrefera ghalihom bhala "*varjazzjonijiet mitluba mis-socjeta' attrici*" li wasslu sabiex kien hemm dewmien fit-tibdil originali tal-kuncetti moghtija mill-konvenut lis-socjeta' attrici fit-terminu pattwit. Ghalhekk per se l-istess konvenut ma kienx jahti ghad-dewmien, u allura l-kontro-talba tieghu kellha tigi milqugha, u allura fil-waqt li t-tieni aggravju tas-socjeta' attrici qed jigi michud, l-appell incidentali qed jigi milqugh b'dan allura li din il-Qorti qed tvarja d-decizjoni tat-Tribunal fis-sens li t-talba attrici qed tigi michuda ghaliex il-konvenut ma ghandu jirrifondi l-ebda ammont lis-socjeta' attrici, fil-waqt li l-kontro-talba tal-konvenut quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar qed tigi milqugha fis-sens li s-socjeta' attrici qed tigi kkundannata thallas lill-konvenut l-ammont ta' €600 bilanc mis-somma akbar rapprezentanti valur ta' xoghol minnu esegwit fuq inkarigu tas-socjeta' attrici, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha tal-Ewwel istanza u ta' dan l-appell a karigu tas-socjeta' attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 16 ta' Mejju 2011**, u tichad l-appell tas-socjeta' appellanti fir-rikors tal-appell taghha datat 26 ta' April 2011 ghaliex l-istess appell huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, din il-Qorti minn naha l-ohra tilqa' l-appell incidentali propost mill-**

**appellat fir-rikors tieghu datat 16 ta’ Mejju 2011 b’dan li din il-Qorti qed tvarja d-decizjoni fl-ismijiet premessi “Eye Communications Limited vs Yanov Cutajar” (Talba Numru 1120/10/MK) u dan fis-sens li tichad it-talba tas-socjeta’ attrici quddiem it-Tribunal ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-istess konvenut ghall-istess, u minflok tilqa’ l-kontro-talba proposta mill-konvenut quddiem l-istess Tribunal b’dan li tikkundanna lis-socjeta’ attrici Eye Communications Limited thallas lill-konvenut appellat Yanov Cutajar l-ammont ta’ €600 bilanc mis-somma akbar rapprezentanti valur ta’ xoghol minnu esegwit fuq inkarigu tas-socjeta’ attrici.**

**Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha tal-Ewwel istanza u ta’ dan l-appell a karigu tas-socjeta’ attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------